| | | |
|---|---|---|
| **KULLEĠĠ SANTA KLARA**<br>**SKOLA SEKONDARJA - PEMBROKE**<br>**L-EŻAMI ANNWALI 2014** | | **IL-LIVELLI**<br>**4 – 5 – 6** |

| | | |
|---|---|---|
| **L-EWWEL SENA** | **IL-MALTI BĦALA LINGWA BARRANIJA**<br>**(Il-Qari u t-Taħdit: L-Oral)** | **IL-ĦIN: 6 minuti** |

# Il-Karta tal-Istudenti

| | | |
|---|---|---|
| **IL-MARKI** | Il-Qari | **5** |
| | It-Taħdit – Stampi | **3** |
| | It-Taħdit – Taħdita | **2** |
| | **IT-TOTAL** | **10** |

**IL-KARTA TAL-ISTUDENTI**
**IL-QARI**

| **L-Ewwel Attività** | **(5 marki)** |
|---|---|



**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara. (3 minuti)**

# Is-Saħħa

Is-saħħa hija l-isbaħ ħaġa li jista' jkollna. Għalhekk tajjeb li nitgħallmu nieħdu ħsieb saħħitna minn meta nkunu għadna żgħar. Kif nafu, hemm ikel li mhux tajjeb għalina. Dan għandna nevitawh kemm jista' jkun. Nilbsu ħwejjeġ skont l-istaġun jew it-temp tal-ġurnata. Fis-sajf ma nagħmlux ħinijiet twal fix-xemx speċjalment bejn il-ħdax u t-tlieta ta' waranofsinhar meta din tkun fl-aqwa tagħha. Barra minn hekk nagħmlu tajjeb li nipproteġu l-ġilda tagħna billi nindilku sew u nilbsu xi kappell jew beritta u nuċċali tax-xemx.

Il-logħob huwa meħtieġ għal saħħitna għax meta nilagħbu nkunu qegħdin nagħmlu l-eżerċizzju. Issib tfal li jqattgħu ħinijiet twal quddiem it-televixin jew il-kompjuter. Dan ħażin għal saħħitna! Barra minn hekk l-arja safja tal-kampanja tgħin ħafna biex nikbru f'saħħitna. Għalhekk nagħmlu tajjeb li xi kultant immorru nqattgħu xi ħin fil-kampanja jew ħdejn il-baħar.

Għandna wkoll inżommu lilna nfusna ndaf billi ninħaslu kuljum, naħslu idejna qabel l-ikel, naraw li xagħarna jkun dejjem nadif, ma nħallux ħmieġ taħt id-dwiefer u naħslu snienna regolarment. B'dan il-mod inkunu qed nibżgħu għal saħħitna għax kif jgħid il-Malti, is-saħħa tkun taf kemm tiswa meta titlifha!

# IL-KARTA TAL-ISTUDENTI
# IT-TAĦDIT

| It-Tieni Attività | (3 marki) |
|---|---|



**Deskrizzjoni ta' żewġ stampi.** **(2 minuti)**
Ħares lejn il-ħames stampi pprovduti (dwar Malta). Agħżel **tnejn** minnhom u tkellem dwarhom.







| It-Tielet Attività | (2 marki) |
|---|---|



**It-Taħdita** **(minuta)**
Agħżel **wieħed** mis-suġġetti hawn taħt indikati u tkellem dwaru għal madwar minuta.

- Il-ħabib/a tiegħi
- Ktieb li qrajt
- Il-mużika li nħobb
- L-isport favorit tiegħi ...

**TMIEM IL-KARTA**